MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 538/2012

**AB**

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-esponenti izzewget lill-CD fl-4 ta' Mejju 1997 u dan skond ic-certifikat taz-zwieg immarkat bhala Dok. A ;

Illi l-partijiet isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 22 ta' Marzu 2001 hawn anness u immarkat bhala Dok. B;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal ;

Illi llum il-gurnata ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

Illi l-partijiet ma humiex dovuti jaghtu manteniment lil xulxin stante li skond klawsola 3 tal-istess kuntratt immarkat bhala Dok B tghid *« Dwar il-manteniment pagabbli minn jew lill-istess partijiet, il-partijiet qeghdin jirrinunzjaw b'mod definittiv minn kull dritt illi jitolbu u/jew jircievu tali manteniment minghand xulxin » ;*

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe` d-divorzju bejn il-partijiet a tenur ta' l-Artikolu 66 tal-Kap 16 ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Ottubru, 2012;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2013 l-avukat difensur tal-intimat infurmat lill-Qorti illi l-intimat mhuwiex bi hsiebu jipprezenta risposta peress illi ma jopponix ghat-talba tad-divorzju;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Marzu 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u li ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------